Kunsill Lokali **SAN PAWL IL-BAĦAR** Local Council

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 14 – IT-TLIETA, 12 TA' APRIL 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar mis-19:00 sal-22:00.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Graziella Galea | Sindku |
| | David Thake | Viċi Sindku (mis-19:13) |
| | Alfred Grima | Kunsillier |
| | Raymond Tabone | Kunsillier |
| | Paul Bugeja | Kunsillier (sat-19:45) |
| | Anne Fenech | Kunsillier |
| | Joseph Vella | Kunsillier |
| | Antoinette Bezzina | Kunsillier |
| | Matthew John Barbara | Kunsillier (sad-20:40) |
| | Stephen Cremona | Kunsillier (mis-19:13 sad-21:30) |
| | Daniel Grima | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| | Delcine Gauci | Uffiċjal Eżekuttiv |
| Skużati: | Mandy Buhagiar | Kunsillier |
| | Robert Piscopo | Kunsillier |
| | Simone Aquilina | Chairperson KAB |

*Il-laqgħa kienet qed tiġi trasmessa dirett.*

1. **APOLOĠIJI**

1.1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsillieri Buhagiar u Piscopo talbu li jkunu skużati mil-laqgħa. Kopji tal-emails annessi f'A.

2. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Kienu mressqa l-minuti tal-laqgħa numru 12 li kienu meqjusa moqrija.

2.2. Il-Kunsillier A Grima ressaq emenda biex minn para. 4.6, il-kelma *"jgħid"* tinbidel ma' *"jindaga"*. Il-Kunsill qabel.

2.3. Il-Kunsillier Tabone ippropona li fl-aħħar ta' para. 5.15 tiżdied is-sentenza *"Il-Kunsillier Tabone oġġezzjona minħabba li din tmur kontra l-ispirtu tal-liġi."* Il-Kunsill qabel.

2.4. Il-Kunsillier A Grima ippropona li fil-para. 6.3, eżatt wara *"171"* jiżdiedu *" sa 171e"*. Il-Kunsill qabel.

2.5. Il-minuti imbagħad kienu approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mil-Aġent SE

2.6. Tressqu imbagħad il-minuti tal-laqgħa numru 13, laqgħa b'urġenza. Dawn il-minuti kienu approvati bla emendi.

2.7. F'dan il-ħin waslu l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Cremona.

3. **PUNTI MILL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI**

3.1. Is-Sindku ressqet għall-punti mil-laqgħa numru 12.

3.2. Dwar 3.1 is-SE informa li dak inhar il-laqgħa kienet qed tiġi trasmessa dirett (*live streaming*). Madanakollu spjega li hemm problema bil-mikrofoni. Informa li akkwista żewġ stimi għal mikrofoni addattati. Il-Kunsill qabel li possibilment għandu jagħżel dik mingħand Black Box għall-prezz ta' €530 eskluż il-VAT. Madanakollu, kif offrut mill-istess kumpanija, l-ewwel għandha ssir prova waqt il-laqgħa biex il-Kunsill jaċċerta li s-sistema proposta hija tajba.

3.3. Il-Kunsillier A Grima irrefera għal para. 4.6 u ressaq fuq il-mejda prova tal-ordni tal-apparat tal-bandli li kienet tikkonsisti minn *Purchase Order* maħruġa fl-2004 għall-ammont ta' Lm1049.50.

3.4. Is-Sindku rreferiet għall-para. 4.7 fejn ressqet email mingħand uffiċjal ta' LESA li tikkonferma li l-Gwardjani kienu marru fi Triq il-Port Ruman, iżda jidher li ma nħarġux kontravenzjonijiet.

3.5. Il-Kunsillier A Grima żied billi rrefera għal para. 5.3 fejn informa li mar fil-post biex jara kif tista' titqabbad is-CCTV. Is-Sindku infurmat li hemm persuna li lest li joffri l-kurrent elettriku meħtieġ permezz ta' meter li hemm fis-sit.

3.6. Il-Kunsillier A Grima rrefera għall-paragrafi 5.6, 5.7 u 5.8 u talab li jitqiesu nulli u bla effett minħabba li saħaq li l-Kunsill kien irregolari għaliex il-Kunsill kien diġà ħa deċiżjoni relatata inqas minn sitt xhur qabel. Kien hemm diskussjoni iżda ma kienx hemm qbil dwar din il-proposta.

3.7. Is-Sindku imbagħad ippreżentat il-minuti tal-laqgħa numru 13 għall-punti li joħorġu mil-laqgħa.

3.8. Il-Kunsillier A Grima saħaq li dak kollu rifless fil-paragrafi kollha wara l-para. 2.1 kienu kollha *out of order.* Is-Sindku ressqet għall-vot tal-Kunsill illi, biex ikun evitat kull dubju dwar il-validità tal-laqgħa u l-punti oġġezzjonabbli, dak kollu diskuss u approvat waqt il-laqgħa b'urġenza jkun meqjus imressaq u approvat dak il-ħin. Ittieħed vot li għadda b'sitt voti favur (is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsillieri Fenech, Vella, Bezzina u D Grima) u ħames voti kontra (il-Kunsillieri A Grima, Tabone, Bugeja, Barbara u Cremona).

4. **PROPOSTA TA' GREEN MT**

4.1. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li tkun sospiża l-laqgħa biex ikunu jistgħu jingħaqdu żewġ rappreżentanti minn Green MT (Francesca Manicolo u Anthea Attard) ħalli jispjegaw il-proposta. Il-ħin kien is-19:37.

4.2. Waqt li kienet sospiża l-laqgħa, il-Kunsillier Bugeja talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien it-19:45.

4.3. Meta l-Kunsill ipproċeda bil-laqgħa (fit-20:05) il-Kunsill irringrazzja lir-rappreżentanti ta' Green MT u talabhom li jirtiraw mil-laqgħa.

4.4. Il-Kunsill għandu jistenna l-kummenti u kontro-proposti minn Green MT minħabba li r-rappreżentanti ma kinux f'pożizzjoni li jagħtu konfermi dak il-ħin peress li riedu jikkonsultaw mas-Sur Joe Attard li dak inhar kien imsiefer.

4.5. Waqt il-laqgħa l-Kunsill kien infurmat illi Green MT tassisti biex tinħoloq kuxjenza billi tqassam fuljett bil-kalendarju miegħu bieb bieb.

4.6. Green MT intalbu jikkunsidraw siti bil-kontenituri taħt l-art.

4.7. Il-Kunsillier A Grima talab li jkun hemm salvagwardja għall-Kunsill meta l-kuntrattur jonqos mill-obbligi tiegħu tal-kuntratt. Dan sabiex ma jitħallewx ilmenti li ma jiġux solvuti fl-iqsar żmien possibli. Il-Kunsill qabel.

4.8. Il-Kunsillier Tabone ippropona klawsola marbuta ma' azzjoni f'ħin speċifiku sakemm il-kuntrattur għandu jirriżolvi l-ilmenti. Il-Kunsill qabel.

4.9. Il-Viċi Sindku ippropona li l-Kunsill għandu jitħalla jagħmel ftehim ma' terzi meta tali servizz ma jkunx ipprovdut minn Green MT iżda li jgħati d-dritta lil Green MT għad-dritt tal-ewwel rifjut. Il-Kunsill qabel.

5. **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU U KORRISPONDENZA**

5.1. Is-Sindku infurmat li l-Kumitat għat-tismija tat-toroq kien approva t-tismija ta' Triq l-Indipendenza u Triq is-Sagħtar.

5.2. Is-Sindku ressqet talba mis-Sur Joe Grixti biex il-Kunsill jixtri bandiera tal-Kunsill biex tittella' fuq wieħed mill-arbli li hemm f'Talgħassalejn. Dawn jinsabu f'post pubbliku li iżda s-Sur Grixti jieħu ħsiebhom b'mod volontarju. Il-Kunsill qabel.

5.3. Il-Kunsill laqa' wkoll proposta tal-Kunsillier Tabone biex anki meta jkun hemm bżonn jinbidlu l-bnadar l-oħrajn l-amministrazzjoni għandha tingħata l-fakultà li taqbad u tordna.

5.4. Is-Sindku ressqet talbet lill-Kunsill japprova reklam tal-Kunsill fuq il-fuljett tal-Kumitat tal-Festa ta' Burmarrad għall-prezz ta' €90. Il-Kunsill qabel.

5.5. Is-Sindku infurmat li wara talba li saritilha, kienet tat l-*endorsement* biex il-Kunsill ikun parteċipi, flimkien ma' Kunsilli Lokali oħra fit-Tramuntana ta' Malta, fi proġett tal-Malta Red Cross biex ikunu jistgħu jiksbu fondi miftuħa taħt l-Iskema tal-Voluntary Organisations Project..

5.6. Is-Sindku infurmat li waslet proposta għal sessjonijiet ta' informazzjoni dwar il-karti tal-flus tal-Ewro b'mod partikulari biex tinħoloq kuxjenza u jingħata tgħarif dwar flus foloz. Il-Kunsill qabel li possibilment isiru kemm sessjonijiet filgħodu kif ukoll filgħaxija.

5.7. Tressqet email dwar Triq l-10 ta' Frar minħabba allegat problema kaġun tal-fatt li tinsab f'direzzjoni unika. Is-Sindku infurmat li qed tressaqha bil-ħsieb li possibilment tkun imressqa fil-laqgħa li jmiss u mhux biex tkun diskussa dak il-ħin. Kien hemm qbil però li biex isir dan jeħtieġ irranġar fid-dħul tagħha. Il-Kunsillier A Grima saħaq li l-Kunsill irid joqgħod attent li ma jitfax aktar traffiku lejn il-bandli bil-konsegwenza li jkun hemm periklu għat-tfal. Dwar dan se jkun hemm kunsiderazzjoni ta' kif possibilment is-sitwazzjoni tista' tkun irranġata.

5.8. Is-Sindku infurmat li permezz tal-liġi l-ġdida tal-Awtorità tal-Ippjanar, meta jkun hemm proġetti kbar il-Kunsilli se jkunu mistiedna jinnominaw rappreżentant biex jivvota fuq l-applikazzjoni. Saħqet li din hija responsabbiltà kbira u li teħtieġ impenn.

5.9. Il-Kunsillier Tabone saħaq li l-Awtoritajiet għandhom jieħdu konjizzjoni tal-fatt li l-lokalità ta' San Pawl il-Baħar hija kbira u għalhekk ma kienx faċli li rappreżentant tal-Kunsill jitlef mil-ħin tax-xogħol tiegħu biex jattendi laqgħat regolari. Għalhekk huwa ppropona li l-Kunsill għandu jikteb dwar dan lill-Awtoritajiet. Il-Kunsill qabel.

5.10. Issemma wkoll il-fatt li mhux ġust li r-rappreżentant ma jkollux xi forma ta' remunerazzjoni.

5.11. L-Aġent SE ġibed l-attenzjoni tal-possibiltà li l-Kunsill ma jkunx se jlaħħaq jieħu direzzjoni biex jgħaddiha lir-rappreżentant, apparti li l-Kunsill aktarx ma jkollux l-informazzjoni kollha meħtieġa quddiemu biex jasal għad-deċiżjoni. Huwa għalhekk ippropona biex il-Kunsill eventwalment jikkunsidra jaħtar sotto-kumitat bi ftit membri ħalli jkun jista' jieħdu d-deċiżjonijiet fuq tali applikazzjonijiet għall-permessi.

5.12. Kien hemm qbil li, għalissa, għall-applikazzjonijiet li għandha quddiema l-Awtorità, għandu jattendi l-Kunsillier D Grima bħala rappreżentant tal-Kunsill, u meta dan mhux possibli mis-Sindku, iżda possibilment għandha tinstab soluzzjoni oħra jekk ikun hemm ħafna applikazzjonijiet li fihom ser tintalab ir-rappreżentanza tal-Kunsill.

5.13. Il-Kunsillier Fenech infurmat li kienet iltaqgħet ma' rappreżentanti tal-aġenzija tal-ivvjaġġar Robert Arrigo & Sons dwar il-possibiltà li jiġu madwar 60 studenti tfal u żgħażagħ bandisti mill-Isvezja u n-Norveġja biex jagħtu kunċerti bla ħlas fil-pubbliku. Id-dati għal dawn il-kunċerti huma l-25 u s-26 ta' Ġunju. Il-Kunsillier Fenech infurmat li l-aġenzija kienet qed tipproponi li l-postijiet ikunu l-Pjazza ta' Buġibba u l-Pjazza quddiem il-lukanda Santana. Kien hemm qbil li l-postijiet għandhom ikunu fejn loġistikament huwa possibli u fejn l-aktar jitgawdew mill-pubbliku.

5.14. Il-Kunsillier Bezzina infurmat li l-ħarġa kulturali tal-Kunsill li jmiss se ssir fil-5 ta' Mejju f'Għawdex u se tinkludi quddiesa, żjara fil-fabbika u l-faċilitajiet ta' Magro Brothers, żjara lill-Villaġġ Agrikolu t'Għawdex u fl-aħħar ikun hemm waqfa għall-ikel fix-Xlendi.

5.15. Is-Sindku infurmat li dwar il-kwistjoni ma' Dimbros dwar il-problema tal-*patching* li sar fl-ewwel xhur tal-2015 l-avukat tal-Kunsill kien qiegħed jagħti l-parir li tinfetaħ kawża. Hija infurmat li saru diversi tentattivi biex il-kuntrattur jirranġa s-sitwazzjoni iżda baqa' jirrifjuta. Fakkret ukoll li kien sar anki rapport mingħand il-Perit dwar dan ix-xogħol.

5.16. F'dan il-ħin il-Kunsillier Barbara talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa.

5.17. Wara diskussjoni s-Sindku ressqet il-proposta biex il-Kunsill jimxi mal-parir tal-avukat tal-Kunsill. Il-Kunsillieri A Grima, Tabone u Cremona astjenew filwaqt li l-kumplament tal-Kunsillieri preżenti (sitta) ivvotaw favur.

5.18. Is-Sindku nfurmat li skrivana tal-Kunsill kienet tefgħat ir-riżenja tagħha mill-Kunsill, u kif għamlet ma' skrivani oħra rringrazjatha tal-ħidma tagħha fil-Kunsill.

5.19. Is-Sindku infurmat li kienet waslet korrispondenza mingħand il-Perit tal-Istitut Soċjo-Kulturali San Pawl. Is-Sindku infurmat li se toħroġ u ħarġet mil-laqgħa biex ikun evitat kull dubju ta' kunflitt ta' interess. Dan minħabba li l-Perit kien missierha. Kompla jippresiedi l-Viċi Sindku.

5.20. L-Aġent SE informa li wara li l-Kunsill ta n-*no-objection* tiegħu (irreferi għall-para. 5.1 tal-minuti tal-laqgħa preċedenti) għat-tpoġġija ta' statwa tal-Markiża Bugeja fejn it-Torri ta' Wignacourt, il-MEPA kienet qed titlob li l-istawa titbiegħed ftit metri oħra mit-torri. Għalhekk kien meħtieġ no objection mill-ġdid. Il-Kunsill immedjatament qabel unanimament li jagħti n-*no objection.* Is-Sindku kienet imsejħa tidħol lura għal-laqgħa.

6. ĦLAS TA' KONTIJIET

6.1. Kienet ippreżentata l-iskeda ta' pagamenti.

6.2. L-Aġent SE ġibed l-attenzjoni għan-numru 239 fuq il-lista fejn informa li għalkemm inkluda dan il-kont, huwa ma kienx qiegħed jirrakkomanda li jsir il-ħlas minħabba li fil-preżent hemm kwistjoni dwaru li qiegħed jiddiskutih mal-avukat.

6.3. Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-kontijiet ta' Vodafone fejn l-Aġend SE informa li dan jirreferi għal żewġ linji tat-telefon.

6.4. Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-kont ta' Piscopo Gardens fejn l-Aġent SE irreferih għad-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill fil-laqgħa ta' qabel biex il-ħlas isir.

6.5. Il-Viċi Sindku irrefera għall-kont ta' GO għal linja fil-lift u staqsa xi ħtieġa hemm għal din il-linja minħabba li tista' qed iżżid l-ispejjeż fuq il-Kunsill inutilment.

6.6. Saret riferenza għall-kont bin-numru 241 fejn il-Kunsill kien mgħarraf li din kienet ordni li saret fl-aħħar tal-leġiżlatura preċedenti u li ma nstabx li kellha l-approvazzjoni tal-Kunsill. Madanakollu, minħabba li għaliha kienet ħarġet *puchase order* uffiċjali kien hemm qbil li dan il-kont għandu jitħallas ukoll.

6.7. Il-Kunsillier A Grima irrefera għall-kont numru 217 fejn esprima li ma jaqbilx li din kellha tingħata b'*direct order.* Il-Kunsill però kien infurmat li din tirreferi għal-librara u li ġiet imqabbda direttament mid-Dipartiment tal-Libreriji b'rata fissa applikabbli għal-librara kollha tal-libreriji tal-Kunsilli Lokali.

6.8. Il-Kunsillier A Grima irrefera għall-kontijiet ta' Micamed u għat-talbiet tiegħu biex jinkludu d-dettalji. Huwa ippreżenta skeda ta' kif kienu jsiru fil-passat.

6.9. Il-Kunsillier A Grima rrefera għall-kont numru 238 fejn allega li din l-ordni ma kinitx approvata mill-Kunsill. Is-Sindku spjegat li, wara li l-Kunsill kien approva l-kuntrattur li kellu jinstalla d-dawl tal-Milied fit-toroq, wara li installa numru minnhom, kien informa lill-Kunsill li m'għandux ħin biex ikompli. Kien għalhekk li kellu jinstab xi ħadd ieħor biex iwettaq il-kumplament tax-xogħol. Infatti żgurat li l-ispiża li kienet approvata għall-armar tad-dawl tal-Milied ma nqabżitx. Il-Kunsillier A Grima saħaq li l-akbar pre-okkupazzjoni li kellu kien il-fatt li l-Kunsillieri ma kienux infurmati b'dan mill-ewwel.

6.10. Imbagħad is-Sindku ipproponiet li l-iskeda tkun approvata ħlief il-kont numru 239. Issekkonda l-Viċi Sindku. L-iskeda kienet approvata b'sitt voti favur u tliet astensjonijiet (il-Kunsillier A Grima, Tabone u Cremona).

7. IL-KIRI TAL-GARAXX/GYM

7.1. Is-Sindku infurmat li, wara li l-Kunsill itterimna l-kirja, sid il-kera ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li kienu saru ammont ta' xogħlijiet li ma kellhomx l-approvazzjoni tiegħu. Dawn jinkludu ftuħ ta' twieqi bla ebda permessi, twaħħil ta' madum,

rawbolts mat-travi, plakek li ġew mgħollija lejn is-saqaf, injam u partitions, żebgħa fl-art u toilets.

7.2. Is-Sindku qrat ukoll il-parir tal-avukat li kien jgħid li l-Kunsill għandu l-obbligu li jreġġa kollox lura għal li kien qabel u li sakemm jitlesta x-xogħol kellu jibqa' jħallas il-kera.

7.3. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li huwa kien eżamina d-dokument tal-kuntratt u li kien sorpriż li l-kuntratt kollu kien ibbażat fuq paġna waħda b'test miktub bl-idejn. Informa li l-kumplament tad-dokument ma kellu x'jaqsam xejn mal-kirja. Dehrlu li kienet irresponsabbiltà mill-Kunsill li ordna dan ix-xogħol bla ebda permessi u li se jwasslu għal spejjeż żejda għall-Kunsill.

7.4. Wara diskussjoni l-Kunsillier A Grima iddikjara li għalih il-kuntratt ippreżentat iqisu inaċċettabbli.

7.5. Kien hemm qbil unanimu li jsir ix-xogħol kollu meħtieġ kemm jista' jkun malajr.

8. SKEMA CIES

8.1. Il-Kunsill qabel li, minħabba n-natura tal-każ, u minħabba li hemm involuti individwi, għandu jissospendi t-trasmissjoni u l-aġenda.

8.2. Wara li l-laqgħa tkompliet, il-Kunsill qabel li m'għandux iġedded il-kuntratt tax-xogħol li għandu mal-unika ħaddiema li għandu taħt din l-iskema. Dan fid-dawl ukoll ta' rakkomandazzjoni li kien hemm minn uffiċjal tal-ETC li l-persuna għandu jkollha post aktar addattat.

8.3. Il-Kunsillier Tabone astjena mid-deċiżjoni minħabba li dehrlu li hu mhux espert f'oqsma simili.

9. RAPPORTI MINN BORDIJIET/KUMITATI

9.1. Is-Sindku infurmat li ma kinux saru l-laqgħat tal-bordijiet.

9.2. Il-Kunsillier A Grima informa li l-Kunsillier Bugeja mhux se jkun dispost għal numru ta' ġimgħat u għalhekk talab li jkun hemm sostitut għall-Bord tal-offerti. Huwa offra lilu nnifsu bħala s-sostitut.

9.3. Is-Sindku pproponiet reviżjoni fil-Bord u għalhekk staqsiet min jixtieq jifforma parti.

9.4. Dawk li xtaqu jkunu parti mill-bord kienu s-Sindku u l-Kunsillieri A Grima, D Grima, Vella u Fenech. Għaldaqstant kien hemm qbil li l-Bord ikun kostitwit minn dawn il-persuni.

9.5. Sadanittant is-Sindku infurmat li qed ikunu mħejjija offerti ta' kuntratti li għalqu jew ser jagħlqu u kuntratti ġodda bħalma huma tal-proġett tal-*mobility*.

10. ĦWEJJEĠ OĦRA

10.1. Il-Kunsillier Tabone ippropona li tintbagħat oġġezzjoni lill-Partit Nazzjonalista għaliex poġġa billboard fuq kaxxa safra fejn iċ-ċimiterju. Huwa ppropona li dan jitpoġġa fl-għalqa biswit.

10.2. Il-Kunsillier Tabone semma talba għal rampa għal persuna bi ħtiġijiet speċjali fil-viċinanzi tar-Reġjun. Is-Sindku infurmat li kienet konxja mill-problema li fil-fatt tinsab fi Triq il-Qroll. Hija saħqet li hemm problemi kif din tista' tissolva. Il-

Kunsillier Tabone tenna li jifhem li hemm problema iżda talab li għall-inqas il-persuna tkun infurmata li l-Kunsill mhux possibli li jsolvi l-problema.

10.3. Il-Kunsillier A Grima semma l-bżonn ta' manutenzjoni tal-bankina ta' Triq il-Qawra mill-grawnd sal-lukanda Bellavista.

10.4. Il-Kunsillier A Grima informa li qed ikun hemm problemi fiż-żona ta' Triq Porzjunkola u kif jinħarġu taħrikiet iżda fuq trakkijiet li jagħmlu kontravenzjonijiet ma joħorġux. Huwa saħaq li wieħed seta' jikkunsidra jekk titneħħiex minn *one way*.

10.5. Il-Kunsillier Tabone semma li fl-istess żona qed ikun hemm numru ta' tabelli biex ma jipparkjawx, li ma kienx magħrufin mill-Kunsill.

10.6. Il-Kunsillier A Grima sostna li jekk il-Kunsill ma jasalx li jikkontrolla bil-gwardjani u pulizija kellu jikkunsidra jiftaħ kwerela.

10.7. Is-Sindku semmiet il-*container* tal-Kunsill. Kien hemm qbil li possibilment dan il-*container* għandu jinbiegħ.

10.8. Il-Kunsillier A Grima staqsa x'kien sar mit-talba biex tkun imċaqilqa l-pedestrian crossing fin-naħa tal-Maypole. Huwa kien infurmat li t-talba saret u qed jintbagħtu *reminders* lil TM.

10.9. Il-Kunsillier Cremona ġibed l-attenzjoni dwar l-art fejn jintramaw il-*bumping cars* u li jeħtieġ li din il-ħaġa titqajjem qabel ma jkun tard wisq. Il-Kunsill kien infurmat li l-persuna involut għamel xi żmien l-isptar. Il-Kunsill kien mitlub li għandu jsir tentattiv biex jinstab post alternattiv. Madanakollu l-Kunsillier Tabone informa li huwa kien jiffaċċja talbiet mir-residenti biex din tibqa' minħabba li riduh.

10.10. Il-Kunsillier A Grima irrefera għal marki fi Triq l-10 ta' Frar li allegatament huma illegali. Huwa insista li għandhom jew jiġu regolarizzati jew inkella jitneħħew. Huwa appella biex sa laqgħa oħra l-Kunsill joħroġ b'soluzzjoni.

10.11. Il-Kunsillier Fenech ġibdet l-attenzjoni li kienet infurmata li l-parkeġġi fil-Blue Waters qiegħdin allegatament jinkrew meta dawn suppost huma tal-Kunsill. Kien hemm qbil li l-Kunsill jindaga dwar din l-allegazzjoni.

11. **TMIEM IL-LAQGĦA**

11.1. Fl-22:00 il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

11.2. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta 3 ta' Mejju.

11.3. Il-Kunsillier A Grima ippropona li l-laqgħa tibda fis-18:00. Madanakollu ma kienx hemm qbil u għalhekk ġie deċiż li l-laqgħa tissejjaħ fis-19:00.

**Graziella Galea**
Sindku

**Paul Gatt**
Aġent Segretarju Eżekuttiv

**A**

Gmail Paul Gatt < >

## Laqgha tal-Kunsill numru 14 - It-Tlieta 12 ta' April fis-7pm

**Mandy Buhagiar** < > 12 April 2016 at 08:15
To: Paul Gatt < >
Cc:

Dear Mr Gatt,

I regret to inform you that I cannot make it for the council meeting due to personal reasons.

Kind regards

Mandy

Sent from my iPhone
[Quoted text hidden]
> <agenda 14 - 12-4-16.pdf>
> <Lista ta' pagamenti - 04 2016.pdf>

Gmail Paul Gatt < >

## Laqgha tal-Kunsill numru 14 - It-Tlieta 12 ta' April fis-7pm

< > 12 April 2016 at 08:30
To: Paul Gatt < >
Cc: Alfred Grima < >, anne fenech < >, Antoinette Bezzina < >, Daniel Grima < >, David Thake < >, Graziella Council Galea < >, Joseph Vella < >, Matthew Barbara < >, Paul Bugeja < >, raymond tabone < >, Simone Aquilina < >, Steve Cremona < >, San Pawl il-Bahar Local Council at DLG <sanpawlil-bahar.lc@gov.mt>, Delcine Gauci < >, Debono Gloria SPB LC < >, Grech Sandra SPB LC < >, Diacono Cathleen at DLG < >, Mandy Buhagiar < >

Dear Mr. Gatt,

I cannot make it to the council meeting due to personal commitments.

Regards,

Dr. Robert Piscopo
Advocate / Partner
www.piscopoadvocates.com

B

Kunsill Lokali: SAN PAWL IL-BAĦAR

04/2016

Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti
Data: Minn 05/03/16 sa 05/04/2016

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PO | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 190 | Department of Information | 46.60 | 46.60 | | | 5 Government Gazette Adverts | 22-02-2016 | | | 17645 |
| 191-192 | Salaries & Honoraria | 12,155.91 | 12,155.91 | | | Mar-16 | 24-03-2016 | | | Internet Banking, 17646, 17647 |
| 193 | Sergio Borg | 1,307.63 | 1,307.63 | T | Inv | Handyman Service for Mar 2016 | 31-03-2016 | | | 17651 |
| 194 | Marco Briffa | 1,258.95 | 1,258.95 | T | Inv | Supervisor Handyman Service for Mar 2016 | 31-03-2016 | | | 17652 |
| 195 | Michele Calleja | 54.36 | 54.36 | | | Replacement of chq 17491 | | | | 17648 |
| 196 | Education Department | 269.28 | 269.28 | | | Replacement of part chq 17426 | | | | 17649 |
| 197 | Michele Calleja | 135.90 | 135.90 | | | Replacement of part chq 17426 | | | | 17650 |
| 198 | Piscopo Gardens | 4,485.00 | 4,485.00 | D | | Landscaping works near ta' Fra Ben as per PO dated 23/10/2014 | | | | 17653 |
| 199 | Petty Cash | 61.12 | 61.12 | | | Petty Cash reimbursement | 30-03-16 | | | 17654 |
| 200 | TCTC | 199.54 | 199.54 | | | Replacement of part chq 17508 | | | | 17655 |
| 201 | Commissioner of Inland Revenue | 3,279.60 | 3,279.60 | | | FSS & NI Mar 2016 | 31-03-16 | | | 17656 |
| | | | | | | | | | | |
| 202 | A. Fenech Service Station | 50.00 | | D | Inv | Fuel EBN 253 | 28-03-2016 | 1159 | 4110 | |
| 202a | A. Fenech Service Station | 70.00 | | D | Inv | Fuel KBM554 | 16-03-2016 | 1156 | 3949 | |
| 202b | A. Fenech Service Station | 54.00 | | D | Inv | Fuel EBN 253 & brake fluid | 17-03-2016 | 1157 | 3946 | |
| 202c | A. Fenech Service Station | 70.00 | | D | Inv | Fuel KBM554 | 03-03-2016 | 1154 | 5283 | |
| 202d | A. Fenech Service Station | 50.00 | | D | Inv | Fuel EBN 253 | 09-03-2016 | 1155 | 5280 | |
| 202e | A. Fenech Service Station | 70.00 | 364.00 | D | Inv | Fuel KBM554 | 23-03-2016 | 1158 | 4107 | |
| 203 | A. Vella Water Supplies Ltd. | 70.80 | 70.80 | D | Inv | 2 Trips Tal-Vecc | 31-01-2016 | 5089 | 5115 | |
| 204 | Allied Newspapers | 94.75 | 94.75 | D | Inv | Advert Times of Malta 14/03/16 - Expression of Interest | 18-03-2016 | 612734 | 5361 | |
| 205 | Arms Limited | 1,303.48 | 1,303.48 | D | Inv | Tal-Vecc Public Garden 05/12/15-24/02/16 | 22-03-16 | 21906460 | | Internet Banking |
| 206 | Arms Limited | 146.75 | 146.75 | D | Inv | Bugibba Public Conv 02/09/15-01/12/15 | 22-03-16 | 21906461 | | Internet |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | Banking |
| 207 | Arms Limited | 924.35 | 924.35 | D | Inv | Offices 02/12/15-01/03/16 | 22-03-2016 | 21906464 | | Internet Banking |
| 208 | Arms Limited | 186.38 | 186.38 | D | Inv | San Giraldu Public Conv 03/12/15-02/03/16 | 22-03-2016 | 21906463 | | Internet Banking |
| 209 | Arms Limited | 94.68 | 94.68 | D | Inv | Burmarrad Store 26/11/15-27/01/16 | 17-02-2016 | 21709240 | | Internet Banking |
| 210 | Arms Limited | 61.52 | 61.52 | D | Inv | GGE 5, Triq Annetto Caruana | | | | Internet Banking |
| 211 | Arms Limited | 12.78 | 12.78 | D | Inv | GGE 5, Triq Annetto Caruana 08/12/15-03/02/16 | 27-02-2016 | 21768520 | | Internet Banking |
| 212 | Azzopardi Ludwig | 50.00 | 50.00 | D | Inv | Security Services for gazibos during Wignacourt Tower Festival | 21-02-2016 | 1 | | |
| 213 | Bitmac (Works) Ltd. | 257.00 | 257.00 | D | Inv | 50 Instant Road Repair in bags | 04-04-2016 | 127081 | 4114 | |
| 214 | Borg Victor | 100.00 | 100.00 | D | Inv | 2 Steel U-Bends | 21-03-2016 | 1 | 4430 | |
| 215 | C&E Airconditioning | 186.00 | 186.00 | D | Inv | Remote & Labour charge | 08-03-16 | 7863 | 5286 | |
| 216 | CA Refuse Collection Ltd. | 2,775.94 | | T | Inv | Refuse Collection (Burmarrad/Wardija) Jan 2016 | 31-01-16 | SPB122 | | |
| 216a | CA Refuse Collection Ltd. | 4,592.42 | | T | Inv | Refuse Collection (San Pawl) Jan 2016 | 31-01-16 | SPB123 | | |
| 216b | CA Refuse Collection Ltd. | 3,306.89 | | T | Inv | Refuse Collection (Xemxija, L-Imbordin etc.) Jan 2016 | 31-01-16 | SPB124 | | |
| 216c | CA Refuse Collection Ltd. | 2,596.85 | | T | Inv | Refuse Collection (Burmarrad/Wardija) Feb 2016 | 29-02-16 | SPB125 | | |
| 216d | CA Refuse Collection Ltd. | 4,296.13 | | T | Inv | Refuse Collection (San Pawl) Feb 2016 | 29-02-16 | SPB126 | | |
| 216e | CA Refuse Collection Ltd. | 3,093.54 | | T | Inv | Refuse Collection (Xemxija, L-Imbordin etc.) Feb 2016 | 29-02-16 | SPB127 | | |
| 216f | CA Refuse Collection Ltd. | 2,775.94 | | T | Inv | Refuse Collection (Burmarrad/Wardija) Mar 2016 | 31-03-16 | SPB128 | | |
| 216g | CA Refuse Collection Ltd. | 4,592.42 | | T | Inv | Refuse Collection (San Pawl) Mar 2016 | 31-03-16 | SPB129 | | |
| 216h | CA Refuse Collection Ltd. | 3,306.89 | 31,337.02 | T | Inv | Refuse Collection (Xemxija, L-Imbordin etc.) Mar 2016 | 31-03-16 | SPB130 | | |
| 217 | Camilleri Grace | 81.00 | 81.00 | D | Inv | 12Hrs Library for March 2016 | 31-03-2016 | Mar-16 | | |
| 218 | Cartridge World | 195.00 | 195.00 | D | Inv | 5 Remanufactured cartridges | 09-03-16 | 1509258 | 5278 | |
| 219 | Chircop Miriam | 1,000.00 | 1,000.00 | T | Inv | Cleaning of Public Conveniences Mar 2016 | 01-04-2016 | 55/3186/16/I | | |
| 220 | CJ General Supplies | 275.00 | 275.00 | D | Inv | 50ltrs Paint (to be reimbursed by MTA PO 203718) | 23-03-2016 | 2748 | 4106 | |
| 221 | Cosyra Legal | 158.33 | 158.33 | T | Inv | Legal Services 24/01/16-23/02/16 | 10-03-16 | 55/2818/16/I | | |
| 222 | CSD Office Trade | 39.04 | | D | Inv | Stationery | 21-01-16 | 56473 | | |
| 222a | CSD Office Trade | 85.90 | | D | Inv | 30 A4 Copier paper & 1- clutch biros | 09-03-16 | 57185 | 5282 | |
| 222b | CSD Office Trade | 90.21 | 215.15 | D | Inv | 3 Toners | 16-03-16 | 57311 | 3944 | |
| 223 | Datatrak IT Services | 164.87 | 164.87 | D | Inv | 18 Pre-Regional Tickets Mar 2016 | 31-03-16 | 1011463 | | |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **224** | Department of information | 9.32 | | D | Inv | DOI Advert 05/04/16 | 22-03-16 | | | |
| **224a** | Department of information | 9.32 | 18.64 | D | Inv | DOI Advert 30/03/16 | 30-03-16 | | | |
| **225** | Digital Imaging Limited | 75.00 | 75.00 | D | Inv | Photography Service at the Wignacourt Festival | 31-03-16 | 5004594 | 5137 | |
| **226** | Emmanuel's Hardware Stores | 2.70 | | D | Inv | 2 garbage bags | 22-03-16 | 140 | 4116 | |
| **226a** | Emmanuel's Hardware Stores | 77.27 | | D | Inv | Various Ironmongery Supplies | 01-03-16 | 107 | 5600 | |
| **226b** | Emmanuel's Hardware Stores | 24.90 | | D | Inv | Bulbs etc. | 04-03-16 | 117 | 5276 | |
| **226c** | Emmanuel's Hardware Stores | 38.10 | | D | Inv | 3 Soap Dispensers | 07-03-16 | 119 | 5277 | |
| **226d** | Emmanuel's Hardware Stores | 27.61 | | D | Inv | Various Ironmongery Supplies | 07-03-16 | 120 | 5281 | |
| **226e** | Emmanuel's Hardware Stores | 149.65 | | D | Inv | Various Ironmongery Supplies | 10-03-16 | 123 | 5284 | |
| **226f** | Emmanuel's Hardware Stores | 5.75 | | D | Inv | Gir | 10-03-16 | 125 | 5285 | |
| **226g** | Emmanuel's Hardware Stores | 48.27 | | D | Inv | Various Ironmongery Supplies | 15-03-16 | 132 | 3948 | |
| **226h** | Emmanuel's Hardware Stores | 43.50 | | D | Inv | Plastic emulsion, hamerite, etc. | 15-03-16 | 134 | 3947 | |
| **226i** | Emmanuel's Hardware Stores | 14.51 | 432.26 | D | Inv | Robolts, bolts, nuts, cement | 23-03-16 | 143 | 4104 | |
| **227** | Environmental Landscapes Consortium Ltd. | 535.56 | 535.56 | T | Inv | Upkeep & Maintenance of Soft Areas Mar 2016 | 31/003/16 | 16008 | | |
| **228** | Fenech Antoine | 689.38 | 689.38 | T | Inv | Bulky Refuse Collection Feb 2016 | 24-03-16 | 437 | | |
| **229** | Floorpul Ltd. | 245.19 | | T | Inv | Cleaning Council Premises Nov 2015 | 23-03-16 | SPL/015/011 | | |
| **229a** | Floorpul Ltd. | 267.48 | | T | Inv | Cleaning Council Premises Dec 2015 | 23-03-16 | SPL/015/012 | | |
| **229b** | Floorpul Ltd. | 273.60 | | T | Inv | Cleaning Council Premises Jan 2016 | 23-03-16 | SPL/016/01 | | |
| **229c** | Floorpul Ltd. | 273.60 | 1,059.87 | T | Inv | Cleaning Council Premises Feb 2016 | 23-03-16 | SPL/016/02 | | |
| **230** | G4S Security Services (Malta) Ltd. | 179.36 | 179.36 | T | Inv | Cash Collection Services Feb 2016 | 29-02-16 | 14137 | | |
| **231** | Galea Christian | 1,424.99 | 1,424.99 | T | Inv | Grass Cutting Feb 2016 | 09-03-16 | 92 | | |
| **232** | Go plc. | 28.10 | 28.10 | D | Inv | Account No. 10204360 (Internet Burmarrad/Tal-Vecc) 01/03/16-31/03/16 | 05-03-16 | 47502421 | | Internet Banking |
| **233** | Go plc. | 76.56 | 76.56 | D | Inv | Account No. 10204361 (Lift) 01/03/16-31/03/16 | 05-03-16 | 47502465 | | Internet Banking |
| **234** | Go plc. | 70.25 | 70.25 | D | Inv | Account No. 40417507 (Visual Screens) 01/03/16-31/03/16 | 05-03-16 | 47508771 | | Internet Banking |
| **235** | Go plc. | 18.99 | 18.99 | D | Inv | Account No. 40545847 (Sub-Office) 01/03/16-31/03/16 | 05-03-16 | 47509599 | | Internet Banking |
| **236** | Go plc. | 42.62 | 42.62 | D | Inv | Account No. 40511649 (Sub-Office) 01/03/16-31/03/16 | 05-03-16 | 47495563 | | Internet Banking |
| **237** | ICT Solutions | 118.00 | | Q | Inv | Sage 50 Installation | 23-02-16 | 143269 | 5141 | |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 237a | ICT Solutions | 637.20 | 755.20 | Q | Inv | Sage 50 Serial No. A266055 | 23-02-16 | 143268 | 5141 | |
| 238 | International Trading Company | 767.00 | 767.00 | Q | Inv | Christmas Decorations Bugibba Seafront from Pier to Dolmen | 23-12-15 | 70357 | | |
| ~~239~~ | ~~JGC~~ | ~~4,526.15~~ | ~~4,526.15~~ | ~~T~~ | ~~Inv~~ | ~~Outdoor Gym SPBLC 07/2014 Retention-~~ | ~~12-12-15~~ | ~~321-15~~ | - | - |
| 240 | Mallia Mario | 65.70 | 65.70 | D | Inv | 3 Road Signs | 29-03-16 | 465 | 5269 | |
| 241 | Malta Glass Creations | 413.00 | 413.00 | D | Inv | 14 Glass Awards with engraving | 30-04-15 | 2015/023 | | |
| 242 | Malta Transfer.com Ltd. | 82.60 | 82.60 | D | Inv | Transport 18 pax Gozo Ferry Terminal to SPB (Wignacourt Tower Festival) | 29-02-16 | 021/16 | 5149 | |
| 243 | Media Link Communications Co. Ltd. | 204.30 | 204.30 | D | Inv | Adverts Feb 2016 | 29-02-16 | 60579 | 5575 | |
| 244 | Mica Med Limited | 281.58 | | T | Inv | Street lighting maintenance Triq it-Trunciera & Triq il-Knisja c/w Triq Isouard | 09-02-16 | SPB0375 | | |
| 244a | Mica Med Limited | 52.25 | | T | Inv | Street lighting maintenance Triq Damasku | 09-02-16 | SPB0376 | | |
| 244b | Mica Med Limited | 104.50 | | T | Inv | Street lighting maintenance Triq il-Preistorja | 03-03-16 | SPB0377 | | |
| 244c | Mica Med Limited | 14.25 | | T | Inv | Street lighting maintenance Triq Ghawdex | 03-03-16 | SPB0378 | | |
| 244d | Mica Med Limited | 58.90 | | T | Inv | Street lighting maintenance Triq San Pawl c/w Triq id-Duluri | 03-03-16 | SPB0379 | | |
| 244e | Mica Med Limited | 33.25 | 544.73 | T | Inv | Street lighting maintenance Triq San Martin gol-Ghar | 03-03-16 | SPB0380 | | |
| 245 | Nicolo Isourd Band Club | 130.00 | 130.00 | D | Inv | Snack during March outing for 26 pax (paid for by participants) | 230/03/16 | 72000411 | 4108 | |
| 246 | Paramount Coaches | 59.00 | 59.00 | D | Inv | Transport St. Elmo to SPB & return (participants charged for transport) | 29-02-16 | 10002606 | 5150 | |
| 247 | Perici Ferrante Romina | 540.50 | 540.50 | T | Inv | Accounting Services Mar 2016 | 31-03-16 | 16/014 | | Internet Banking |
| 248 | Police Department | 285.84 | 285.84 | D | Inv | Police Attendance at Qawra | 02-05-15 | 65843 | | |
| 249 | Saliba Clayton | 100.00 | 100.00 | D | Inv | Design of Logo & Posters for Wignacourt Tower 2016 | 10-03-16 | 11700 | 5287 | |
| 250 | Show of Arms | 150.00 | 150.00 | D | Inv | Participation & Swordfights The Wignacourt Tower Festival 2016 | 21-02-16 | 2016045 | 5572 | |
| 251 | Smart Technologies Ltd. | 59.00 | 59.00 | T | Inv | IT Support Service Mar 2016 | 21-03-16 | 17228 | | |
| 252 | SSCS Street Cleaning Services | 7,600.00 | | T | Inv | Xemxija/SPB/Bugibba/Qawra Street Cleaning Services Dec 2015 | 11-01-16 | SPB70 | | |
| 252a | SSCS Street Cleaning Services | 712.50 | | T | Inv | Burmarrad/Wardija Street Cleaning Services Jan 2016 | 08-02-16 | SPB71 | | |
| 252b | SSCS Street Cleaning Services | 7,600.00 | | T | Inv | Xemxija/SPB/Bugibba/Qawra Street Cleaning Services Jan 2016 | 08-02-16 | SPB72 | | |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **252c** | SSCS Street Cleaning Services | 712.50 | | T | Inv | Burmarrad/Wardija Street Cleaning Services Feb 2016 | 10-03-16 | SPB73 | | |
| **252d** | SSCS Street Cleaning Services | 7,600.00 | 24,225.00 | T | Inv | Xemxija/SPB/Bugibba/Qawra Street Cleaning Services Feb 2016 | 10-03-16 | SPB74 | | |
| **253** | St. Paul's Food Store | 37.41 | 37.41 | D | Inv | Cleaning materials & Hospitality costs Mar 2016 | 31-03-15 | | | |
| **254** | The Guard & Warden Service House Ltd. | 174.24 | 174.24 | D | Inv | Traffic Management Feb 2016 | 29-02-16 | GS003063 | | |
| **255** | The Home Centre & Hardware Store | 9.95 | 9.95 | D | Inv | Padlock | 30-03-16 | 13881750 | 4113 | |
| **256** | Vodafone Malta Limited | 124.80 | 124.80 | D | Inv | Mobile monthly service Feb 2016 | 01-03-2016 | 5130653032016 | | Internet Banking |
| **257** | William's Garage | 833.75 | 833.75 | T | Inv | Transport Day Centre Feb 2016 | 02-03-2016 | T4131 | | |
| | **TOTAL** | **99,272.50** | **99,272.50** | | | | | | | |